## Il-Bilanc tal-Pagamenti

Kull pajjiz ibigh u jixtri minn pajjizi ohra. Aktar ma jbigh aktar ikollu muniti barranin biex ikun jista' jixtri prodotti u servizzi minghand pajjizi ohra. Il-bilanc tal-pagamenti hu l-kont li juri l-bilanc jew id-deficit wara li jinghaddu d-dhul u l-hrug ta' dak li jkun inbiegh u nxtara minn pajjizi ohra.

### It-trade gap

Din il-figura taghtina l-valur tad-differenza bejn l-esportazzjoni u l-importazzjoni tal-merkanzija.

### It-trade gap f'Malta

Skond l-ahhar statistika li harget mill-NSO, ghal Dicembru 2006, it-trade gap f'Malta hu kif gej:

Lm million

| | 2004ᵖ | 2005ᵖ | December | | January-December | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | 2005ᵖ | 2006ᵖ | 2005ᵖ | 2006ᵖ |
| **Imports** | **1,300.8** | **1,316.8** | **108.5** | **105.6** | **1,316.8** | **1,436.0** |
| **Industrial Supplies** | **623.6** | **593.5** | **45.7** | **53.5** | **593.5** | **699.9** |
| Primary | 15.9 | 19.7 | 2.0 | 2.4 | 19.7 | 19.2 |
| Semi-Finished | 584.2 | 538.1 | 41.4 | 48.3 | 538.1 | 637.9 |
| Finished | 23.5 | 35.7 | 2.3 | 2.8 | 35.7 | 42.8 |
| **Capital Goods and Others** | **235.9** | **227.8** | **15.9** | **14.0** | **227.8** | **239.7** |
| **Consumer Goods** | **339.5** | **355.0** | **26.5** | **27.9** | **355.0** | **365.5** |
| Food & Beverages | 116.6 | 121.5 | 9.5 | 11.4 | 121.5 | 124.6 |
| Durable Goods | 135.9 | 150.7 | 10.8 | 10.5 | 150.7 | 154.7 |
| Others | 87.0 | 82.8 | 6.2 | 6.0 | 82.8 | 86.2 |
| **Fuel and Lubricants** | **101.8** | **140.5** | **20.4** | **10.2** | **140.5** | **130.9** |
| **Exports** | **896.5** | **822.9** | **64.3** | **72.4** | **822.9** | **935.8** |
| **Visible Trade Gap** | **-404.3** | **-493.9** | **-44.2** | **-33.2** | **-493.9** | **-500.2** |

Note: Totals may not add up due to rounding.

ᵖ Provisional

Din it-tabella turina li t-trade gap bejn l-2004 u 2005 zdied b'madwar Lm90 miljun. Mill-figuri li turi din it-tabella turi li s-sena 2006 kienet aghar, ghaliex it-trade gap tul is-sena 2006 zdied b'madwar Lm6 miljun. Aktar ma jikber it-trade gap aktar ikun hemm pressjoni fuq il-Lira Maltija ghaliex dan jindika li aktar qed nonfqu milli ngibu muniti barranin.

Tajjeb naraw ukoll certi setturi. Jekk naraw l-importazzjoni tas-'semi-finished' bejn is-sena 2004 u 2005 dan naqas b'madwar Lm46 miljun. Tul is-sena 2006, dan zdied b'madwar Lm100 miljun.

Filwaqt li ghall-kont kurrenti tal-bilanc tal-pagamenti dan mhux tajjeb ghaliex l-importazzjoni zdiedet, imma meta wiehed iqis l-ekonomija Maltija, dan jista' jkun tajjeb. Malta hi pajjiz li biex ikampa jrid jesporta. Hafna mill-produzzjoni taghna ghall-esportazzjoni tinhtieg hafna importazzjoni ta' 'semi-finished' goods. Ghalhekk zieda f'dan il-komponent juri li l-esportazzjoni fix-xhur li gejjin tista' tizdied. Dan jiddependi jekk din iz-zieda fil-valur kinitx gejja minhabba zidied fil-prezz jew zieda fil-volum. Jekk hi ta' l-ewwel, aktar ser ikun hemm pressjoni biex jizdiedu l-prodotti Maltin u hekk aktar difficli jkun li jinbieghu barra minn xtutna.

Biss dan jindika d-dghjufija ta' l-ekonomija Maltija. Wahda mill-akbar dghjufija hi li l-valur mizjud ghal dak li nipproducu hu zghir, li jfisser li biex ahna nesportaw ikollna nimpurtaw hafna u ghalhekk il-qligh taghna jkun zghir.

Fattur iehor pozittiv f'dawn l-ahhar figuri hu z-zieda fl-importazzjoni ta' 'capital goods'. Dawn huma mehtiega biex ahna nipproducu. Filwaqt li fl-2005, dan naqas b'madwar Lm8 miljun, zdied b'madwar Lm5 miljun fuq is-sena Lm2005 bejn Jannar u Novembru.

Komponent li aktar ma jonqos aktar ikun ta' gid, hu dak tal-konsum dirett. Il-bidla bejn 2004 u 2005 kienet zieda ta' Lm15.5 miljun filwaqt li tul is-sena 2006 din kompliet tizdied bi Lm 12 miljun iehor.

Fattur li ghen kien li din is-sena nfaqna b'madwar Lm10 miljun anqas fi fuels. Dan ukoll jista' jigi attribwit sew ghal prezz anqas u sew ghal volum anqas ta' fuel li mpurtajna.

Ghalhekk it-trade gap mhux biss jaghtina l-pozizzjoni ta' kif sejjer il-kummerc taghna ma' pajjizi barranin izda jindikalna nuqqasijiet strutturali fl-ekonomija taghna li sfortunatament, dan l-ahhar snin ma sar xejn biex naffrontawhom u ntejbu l-pozizzjoni.